



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2011/0415(COD)

12.6.2012

EMENDI 58 - 59

**Abbozz ta' opinjoni
Thijs Berman
(PE489.521v01-00)**

li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implementazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal azzjoni esterna

Proposta għal regolament
(COM(2011)0842 – C7-0494/2011 – 2011/0415(COD))

AM_Com_LegOpinion

Emenda 58
Cristian Dan Preda

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) L-ghajjnuna finanzjarja fil-forma ta' appoġġ baġitarju għandha tingħata biss meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti dwar il-kwalità tal-ġestjoni tal-infiq pubbliku u dwar il-kontroll parlamentari u l-kapaċitajiet ta' awditjar.

Or. en

Emenda 59
Cristian Dan Preda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

L-assistenza finanzjarja fil-forma ta' appoġġ baġitarju, kif hemm provdut fil-punt (c) hawn fuq, u skont l-Artikolu [...] tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, għandha tingħata biss a) fuq il-bażi ta' għanijiet u indikaturi tal-prestazzjoni mizurabbi, b) jekk il-ġestjoni tal-infiq pubbliku tal-pajjiż sieħeb tkun trasparenti, affidabbi u effikaċi bizzżejjed, u c) jekk dan ikun stabbilixxa politiki settorjali u makroekonomiċi fformulati kif xieraq li jkunu vvalutati b'mod pożittiv mid-donaturi prinċipali tiegħi, inklużi, fejn ikun rilevanti, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali. Qabel tapprova kwalunkwe deċiżjoni

*finanzjarja, il-Kummissjoni għandha
tikseb garanziji mill-gvern tal-pajjiż
sieħeb ikkonċernat li dan stabbilixxa
kontroll parlamentari u kapaċitajiet ta'
awditjar nazzjonali, inkluż l-aċċess
pubbliku għall-informazzjoni.*

1 ĠUL 248, 16.9.2002, p.1.

Or. en